**Minuti tat-tieni laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar l-Erbgħa, 11 t' April, 2012 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Miriam Portelli | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Charles Said.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 80 tas-sitt Kunsill, u l-ewwel laqgħa tas-Seba' Kunsill ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Korrispondenza.**

(4214) Ittra mil MEPA dwar Underground Shelter
(4215) Email minghand it-Transport Malta dwar sinalji sofor
(4216) Ittra minn l-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar permess biex jarmaw bi xtieli fil-pjazza bejn il-11 ta' Mejju u t13 ta' Mejju
(4217) Ittra mill-Kummissjoni Zgħazagħ Imnarja dwar attivitajiet pjanati fix-xhur li ġejjin
(4218) Memo 16/2012 – Direzzjoni dwar l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali
(4219) Email mingħand id-dipartiment għall Gvern Lokali dwar Servizz ta' Wifi fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali (Tnaqqis mill-allokazzjoni)
(4220) Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skemi 2009-2011
(4221) Memo 15/2012 – Laqgħa ta' Konsultazzjoni: Il—prevenzjoni, tnaqqis u kontroll tal-ħsejjes
(4222) Kwotazzjoni mingħand D Illumination għas-slaleb tal-pjazza
(4223) Ittra mill-MEPA dwar l-applikazzjoni fi Triq ta' Xandriku
(4224) Memo 14/2012 – Iċ-Ċerimonja tal-Gurament tal-Ħatra
(4225) Ittra mill-MEPA dwar laqgħa dwar l-Open storage f'Għawdex
(4226) Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Network Natura 2000
(4227) Ittra mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita dwar accessibility audit – Community centre
(4228) Memo 13/2012 – Ringrazzjament Tas-Servizzi li Tajtu lill-Kummunita'
(4229) Ittra minn l-avukat Damian Bigeni f'isem diversi persuni dwar l-izvilupp fi Triq Xandriku
(4230) Ittra mill-MEPA dwar l-applikazzjoni tax-Xelter
(4231) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar produzzjoni Teatrali
(4232) Ittra mill-Mepa dwar Community Centre
(4233) Memo 12/2012 Mistoqsija Parlamentari Numru 32930
(4234) Email mingħand Transport Malta dwar Triq San Blas
(4235) Ittra mingħand Avukat Jean Paul Grech f'isem Charlie u Theresa Debono dwar kaz fi 8 ta' Gunju 2010

(4236) Memo 11/2012 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 10 ta' Marzu 2012 – L-uffiċċju amministrattiv tal-lokalitajiet li għandhom l-elezzjoni Ghandu jinzamm magħluq
(4237) Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fi Nadur
(4238) Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2012
(4239) Ittra mingħand Grupp Armar Tal-Pjazza dwar twahhil ta' antarjoli

4. **Attivita' f'San Blas.** Is-Sindku pprezenta ittra mingħand l-Arċipriet Jimmy Xerri fejn il-Kunsill intalab il-permess biex issir quddiesa fil-playing field ta' San Blas nhar il-Ħadd 22 ta' April. Barra din il-quddiesa ser issir missjoni fl-inħawi ta' San Blas f'din il-Gimgħa li tispiċċa b'purċissjoni l-Ġimgħa 27 ta' April minn Triq il-Qortin sal-Playing Field. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dawn l-attivitajiet.

5. **Servizz ta' xarabank f'San Blas.** Kif deher f'diversi mezzi ta' kommunikazzjoni ser jibda jkun hemm servizz minn l-Arriva fl-inħawi ta' San Blas kull sagħtejn. Dan ser jibda mis-27 ta' Mejju 2012. Din ser tkun rotta ġdida li titlaq mill-venda tar-Rabat għan-Nadur, tinzel San Blas u terġa lura lejn il-venda tar-Rabat.

6. **Mwejjed u Siġġijiet fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri.** Is-Sindku ġie avviċinat mis-sid tar-ristorant "Anthony's Bar & Restaurant" sabiex jkollhom permess biex izidu tlett (3) imwejjed fil-pjazzetta fix-xhur minn Mejju s'Awwissu 2012. Il-Kunsill ma jistax jagħti dan it-tip ta' permess izda jista jagħmel ittra ta' "No objection". Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni li jizdiedu tlett imwejjed oħra dejjem jekk dawn jinħarġu barra wara s-7 ta' filgħaxija u jitpoġġew fil-kaxxi li hemm diġa indikata mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

7. **Summerfest 2012.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissjoni Zgħazagħ Imnarja fi ħdan is-Socjeta Filarmonika Mnarja. Huma ser jorganizzaw is-Summerfest bejn 10 u 12 ta' Awwissu u talbu l-għajnuna tal-kunsill għal din l-attivita. Miriam Portelli ġibdet l-attenzjoni li f'dik il-gimgħa s-soltu jkun hemm il-gimgħa tal-MUSEUM. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Kummissjoni sabiex jara jekk dawn id-dati humiex ser inkunu fl-istess ġranet mal-attivita tal-MUSEUM.

8. **Għaqda Armar Triq Diċembru 13**. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Għaqda Amar Triq Diċembru 13. F'din l-ittra huma talbu l-permess tal-Kunsill sabiex issir il-fiera tal-pjanti bejn il-11 u 13 ta'Mejju fil-Pjazza (magenb il-Bank BOV). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din l-attivita.

9. **Riċikllaġġ.** Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni li nħar ta' Erbgħa wara li jispiċċa s-Suq fil-Miftuh qed jinġabar il-kartun sabiex jiġi riċiklat izda mhux jinġabar il-plastic. Hi talbet sabiex jibda jinġabar ukoll il-plastic bl-istess mod.

10. **Skatepark.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Damian Bigeni f'isem diversi persuni dwar zvilupp fi Triq Xandriku/Triq l-Imgarr (PA4494/10 To

Construct Skatepark in lieu of existing playing field). Huma qegħdin joġġezzjonaw għal dan l-izvilupp. Il-Kunsilliera qablu li dan il-proġett mhux ser issir minħabba diversi fatturi speċjalment nuqqas ta' fondi. Dan il-proġett kien beda fuq inizzjattiva tal-Kunsill taz-Zgħazagħ meta kien hemm applikazzjoni għall-proġetti. Eucharist Camilleri fakkar ukoll li kien hemm proġett ieħor pjanat fuq l-istess sit u jidher li n-nies li qegħdin jilmentaw dwar dan il-proġett qed iħalltu z-zewġ proġetti flimkien. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-Avukat Bigeni u jinformaħ li dan il-proġett huwa mizmum. Jekk il-Kunsill jiddeċiedi fil-futur li jitkomplah dan il-proġett, l-ewwel għandu jagħmel laqgħa pubblika għar-residenti .

11. **Inċident fi Triq ir-Rabat.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Jean Paul Grech f'isem Charlie u Theresa Debono. Għal darb' oħra huma talbu li jitħallsu l-ammont ta' €273.99 (spejjez) dwar dan il-kaz (li seħħ fit-8 ta' Gunju 2010). Hu qal li għalkemm Salvu Xiberras ma nstabx ħati li b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu b'mod involontarju ikkaġuna ħsara fil-vettura tal-mittenti, dan ma jfissirx li ma hemm l-ebda element ta' responsabilita' ċivili għal dan l-inċident. Is-Sindku qal li hu tal-fehma li din il-kwistjoni fuq ammont zgħir ta' flus tingħalaq darba għal dejjem. Josianne Cutajar u Maria Natoli qablu mas-Sindku. Miriam Portelli ma' qablitx ma' din id-deċizjoni għaliex qalet li din mhux l-unika kawza li kellu l-Kunsill ma dawn il-persuni u jidher li ser tibqa ssir pressjoni fuq il-Kunsill minn dawn il-persuni. Eucharist Camilleri u Maria Natoli qablu mal-punti ta' Miriam Portelli. Miriam Portelli saħqet li jekk il-Kunsill ser iħallas dawn l-ispejjes irridu jiġu pprezentati l-kontijiet oriġinali. Miriam Portelli qalet li hemm kontijiet li huma esaġerati bħal il-kont ta' kiri ta' vettura bil-prezz ta' €90 għal tlett ijiem. Il-Kunsill iddeċieda li jħallas l-ammont ta' €273.99 jekk jiġu prezentati l-kontijiet oriġinali u hekk bil-ħlas ta' dan l-ammont mitlub dan il-kaz ikun magħluq u ma jerġax issir xi talba għall-spejjes oħra inkonnessi mal-istess kaz.

12. **Triq San Blas.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta dwar it-talba biex issir speed hump fi Triq San Blas kantuniera ma Triq Frangisk Attard. Is-speed hump ma ġietx approvata. Transport Malta talbet li jsir "Junction design" f'din il-kantuniera. Josianne Cutajar qalet li hemm bzonn li jsir patching f'dawn l-inħawi. Hi ġiet informata li l-patching sar fil-jiem li għaddew.

13. **Dipartiment ta' l-Artijiet.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar akkwist ta' art f'tal-Ħali. Is-Segretarja ġiet inkarigata biex tara din l-art għall liema **skop** ser tintuza.

14. **Kontijiet.** Waqt li l-Kunsill kien qed japprova l-kontijiet, is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-helpers tad-Day Centre ġew inkarigati biex jibdew siegħa qabel il-ħin li s-soltu jibdew, biex jlestu s-sala għall-uzu ta' Day Centre nhar

ta’ Tlieta. Dan sabiex it-Tnejn filgħaxija s-sala tkun għad-dispossizzjoni ta’ l-għaqdiet l-oħra tar-raħal. Kien hemm kont mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja għas-servizz tal-Karnival 2012. L-ammont ta’ dan il-kont kien €85 izjed mis-sena preċedenti. Il-Kunsill ma kienx ġie informat biz-zieda fil-prezz. Is-Sindku għandu jitkellem mal-kumitat dwar dan f’laqgħa mal-istess kumitat.

15. **Child day Care Centre.** Is-Sindku qal li hemm bzonn li jkun hemm Child Day Care Centre fin-Nadur is-sena kollha u mhux biss fis-sajf. Biex issir dan hemm bzonn post adekwat. Ġiet diskussa l-possibilita li dan issir f’parti minn l-Iskola Primarja tan-Nadur peress li fin-Nadur m’hemmx post ieħor adekwat. Għal dan il-għan għandha ssir laqgħa mal-kapijiet ta’ l-Iskola Primarja kif ukoll ma tad-Drama. Għandha tintbagħat korrispondenza wkoll lill-Ministeru tal-Familja biex il-Kunsill jiġi gwidat u jingħata xi assistenza min dan il-Ministeru.

16. **Community Work Scheme.** Is-Sindku qal li hemm bzonn li jkollna aktar ħaddiema mal-Kunsill biex ikun jista’ jsir aktar tindif u manutenzjoni fil-lokal. Hu ssuġġerixxa li nitolbu għal aktar ħaddiema mill-ETC (Il-Community Work Scheme). Kien hemm xi tħassib dwar dan għaliex fil-passat din l-iskema mhux dejjem irnexxiet. Is-Sindku għandu jerġa jara dwar din l-iskema.

17. **Mnarja 2012.** Il-Ġimgħa d-dieħla ser issir l-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat Organizzativ – Attivitajiet Kulturali. Fuq l-aġenda ser ikun hemm l-attivitajiet tal-Imnarja.

18. **Eco Gozo**. Il-ħitan tas-sejjieħ fi Wied Bingemma li huma nkluzi fl-offerta mogħtija huma kwazi lesti. It-triq tinsab fi stat ħazin ħafna wara l-maltempata kbira li kien hawn f’Marzu. Il-Kunsill ser issejjaħ laqgħa mal-bdiewa u sidien ta’ art ta’ din l-inħawi flimkien mal Perit Robert Grech sabiex jiġi diskuss l-aħjar rimedju li jista jsir. Din il-laqgħa għandha ssir kemm jista jkun malajr. Il-Kunsill qed jara wkoll il-possibilita li jibda jinbena u jitranġa l-gandott ta’ l-ilma tax-xita bil-fondi li ser jkun fadal mill-proġett ta’ Eco Gozo.

19. **Impieg ta’ Skrivan/a mal-Kunsill.** Hemm bzonn li jibda l-proċess sabiex jiġi impjegat skrivan/a mal-Kunsill. Is-Sindku issuġġerixxa li jkun hemm bord ta’ għazla għal dan il-għan. Kien hemm diskussjoni dwar għandux ikun hemm membri tal-Kunsill f’dan il-board. Gie deċiz li l-board ikun kompost mis-Sindku Charles Said, il-Kunsilliera Miriam Portelli u Maria Natoli, s-Segretarju Ezekuttiv Rita Mifsud Attard u Joseph Tabone, head tal-monitoring Unit fid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali. Eucharist Camilleri ġibed l-attenzjoni li d-deċizjoni finali għandha dejjem titiehed mill-Kunsill.

20. **Offerti.** Hemm diversi kuntratti li waslu biex jqħalqu. Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-offerti għal dawn il-kuntratti:

Supply ta' Ready Mix
Lease of Equipment
Water Supply

21. **Printer.** Il-Printer tal-kulur tal-Kunsill tad-ditta ESON CX11N Serial Number GFDZ105125 ma baqgħetx tiffunzjona. Meta pruvat tirrangah it-technician informa lis-Segretarja li ma tistax tirranġa din il-printer għaliex il-parts m'għadhomx issibhom. Il-Kunsill approva li din il-printer tintrema u tinxtara printer oħra minflokha.

22. **Affarijiet Oħra.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-bzonn li jsir gandott ta' l-ilma tax-xita ħdejn il-propjeta ta' Anthony Portelli ta' Triq San Blas. Is-Sindku informa lis-Sinjorina Cutajar li dan diġa kien ser issir mill-Kunsill ta' qabel, u li ftit tal-jiem ilu mar personalment ma sid il-post fuq is-sit u li issa dan ser issir fix-xhur tas-sajf. Josianne Cutajar qalet li hemm bzonn li titranġa l-bankina ta' Angela Cefai ta' Triq San Blas kif ukoll ir-rampa ta' Tony Debono ta' Triq ta' Grunju. Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni li hemm bzonn ftit konkos mal-bankina ta' Rosa Meilak fi Triq ta' Grunju. Hi qalet ukoll li l-konka tas-siġra quddiem il-Bring in Sites ħdejn l-Iskola għandha tingħalaq. Għalkemm din huwa kompetu tal-Gvern Centrali l-Kunsill ser jieħu ħsieb jagħlaq din il-konka. Inġibdet l-attenzjoni dwar is-stat tat-Triq it-Torri Sopu għaliex hemm periklu li t-triq ser iċċedi. Is-Segretarja informat lill-Kunsill li hi kitbet lill-Gvern Centrali diversi drabi dwar dan. Issemma wkoll bzonn ta' patching fi triq Tad-Duru kif ukoll fi 39 Triq Madre Gemma Camilleri.

Il-laqgħa ntemmet fit-11:30 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 3 ta' Mejju fis-7:30 ta' filgħaxija.